**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sitta (6) ta' Awissu 2024

Kawża Nru 440/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

Vs

**Hamza Kamel El Bakoush**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Hamza Kamel El Bakoush,** ta'wieħed u tletin (31) sena, detentur tal-Passaport Libjan numru 483423 talli:

(1) nhar is-sitta (6) ta` Ġunju 2024, bejn il-ħinijiet tas-sitta (18:00hrs) u s-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) minn ġewwa il-'Greens Supermarket' li jinsab ġewwa 'The Dukes Shopping Mall' Triq ir-

Repubblika, Rabat, Għawdex u/jew f’ dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti liema valur ta’ serq jammonta għall-ħamsa u disgħin ewro (€95) u għaldaqstant serq jitqies li huwa sempliċi u dan għad-detriment ta’ Greens Supermarket u/jew Joseph Sammut u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;[1]

(2) ukoll talli nhar is-sitta (6) ta` Ġunju 2024, bejn il-ħinijiet tas-sitta (18:00hrs) u s-sebgħa ta’ filgħaxija (19:00hrs) minn ġewwa il-‘Greens Supermarket’ li jinsab ġewwa ‘The Dukes Shopping Mall’ Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex u/jew f’ inħawi oħra dawn il-gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;[2]

(3) ukoll talli nhar it-tmienja (8) ta` Marzu 2024, bejn il-ħinijiet tal-erbgħa u nofs (16:30hrs) u l-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija (17:30hrs) minn ġewwa il-‘Greens Supermarket’ li jinsab ġewwa ‘The Dukes Shopping Mall’ Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex u/jew f’ inħawi oħra dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti liema valur ta’ serq jammonta għal mitejn u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€230.90) u għaldaqstant jitqies li huwa sempliċi u dan għad-detriment ta’ Greens Supermarket u/jew Joseph Sammut u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;[3]

---

[1] Artikolu 284 tal-Kap. 9
[2] Artikolu 334(a) tal-Kap. 9
[3] Artikolu 284 tal-Kap. 9

(4) iżjed talli bejn iż-żmien tat-tmienja (8) ta’ Marzu 2024 u s-sitta (6) ta’ Ġunju 2024, ġewwa il-‘Greens Supermarket’ li jinsab ġewwa ‘The Dukes Shopping Mall’ Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex u/jew f’ inħawi oħra dawn il-gżejjer, naqas milli jħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu nhar il-ħamsa (5) ta’ Jannar 2021 b’digriet mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D, f’dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;[4]

(5) iżjed talli bejn iż-żmien tat-tmienja (8) ta’ Marzu 2024 u s-sitta (6) ta’ Ġunju 2024, ġewwa il-‘Greens Supermarket’ li jinsab ġewwa ‘The Dukes Shopping Mall’ Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex u/jew f’ inħawi oħra dawn il-gżejjer, naqas milli jħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu nhar it-tmintax (18) ta’ Novembru 2021 b’digriet mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Doreen Clarke LL.D, f’dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;[5]

(6) iżjed talli bejn iż-żmien tat-tmienja (8) ta’ Marzu 2024 u s-sitta (6) ta’ Ġunju 2024, ġewwa il-‘Greens Supermarket’ li jinsab ġewwa ‘The Dukes Shopping Mall’ Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex

[4] Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap. 9
[5] Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap. 9

u/jew f' inħawi oħra f'dawn il-gżejjer, naqas milli jħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu nhar it-tmintax (18) ta' Lulju 2022 b'digriet mill-Maġistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet. [6]

Il-Qorti ġiet ġentilement mitluba li titratta lill-imputat bħala reċdeiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-digrieti tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi Hamza Kamel El Bakoush, kif ukoll tordna is-somom bħala depożitu u garanzija personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

[6] Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap. 9

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju f'dawn il-proċeduri;

Semgħet lix-xhieda prodotti mid-difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: fit-tnax (12) ta' Marzu 2022 il-Pulizija ġew infurmati li kienu insterqu xi affarijiet mill-istabilliment Greens Supermarket li jinsab fil-kumpless "The Duke" fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex. L-allegat serq kien seħħ f'żewġ okkażżjonijiet, fit-tmintax (18) ta' Jannar 2024 u fit-tmienja (8) ta' Marzu 2024. Għar-rigward il-każ tat-tmintax (18) ta' Jannar 2024, il-Pulizija ġiet infurmata biss x'kien instab nieqes. Ma ġew provduti lilha l-ebda dettalji jew informazzjoni oħra li kienu jippermettu lill-Pulizija li issir xi investigazzjoni ulterjuri b'rabta ma' dan il-każ li allegatament seħħ fit-tmintax (18) ta' Jannar 2024.

Għar-rigward il-każ tat-tmienja (8) ta' Marzu 2024, il-Pulizija ġiet mgħoddija filmat fejn fih jidher persuna maskili jieħu xi affarijiet minn fuq xkaffa, jitfagħhom ġo basket u joħroġ bihom mingħajr ma jħallas. L-

affarijiet li insterqu kienu jikkonsistu fi tlett (3) bottijiet fwieħa li l-valur tagħhom kien ta' mitejn u tletin ewro (€ 230). Mill-investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija tramite riċerka fuq is-sistema interna tagħhom, ġie indikat li l-persuna li seta' kien involut f'din is-serqa kien Hamza Kamel El Bakoush.

Sussegwentement fis-sitta (6) ta' Ġunju 2024, il-Pulizija intalbet tintervjeni fil-Greens Supermarket. Dan għaliex l-uffiċjali tas-sigurta tal-istabbiliment li kellhom stills mill-filmati tat-tmienja (8) ta' Marzu 2024 intebħu li l-istess persuna kienet reġgħet marret fl-istabbiliment. Huma segwewh permezz tal-cameras u rawh jieħu xi affarijiet u jpoġġihom ġo basket aħmar. Ir-raġel inżamm mill-uffiċjali tas-sigurta tal-istabbiliment li min-naħa tagħhom ikkuntattjaw lill-Pulizija u dawn marru fuq il-post u arrestaw lil dan ir-raġel. Ir-raġel ġie identifikat bħala Kamza Hamel El Bakoush. Minn investigazzjonijiet ulterjuri magħmula mill-Pulizija irriżulta li l-istess individwu kellu każijiet oħra pendenti u kien ġia ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet b'rabta ma' dawn il-każijiet li kellu pendenti.

Ikkunsidrat:

- **<u>L-Ewwel (1) u t-Tielet (3) Akkuża – Serq Sempliċi</u>**

Il-Kodiċi Kriminali tagħna ma jagħtix definizzjoni tal-kunċett tas-serq u l-Qrati tagħna għal għexieren tas-snin dejjem għażlu li jistrieħu fuq id-

definizzjoni mogħtija mill-Carrara li jqis is-serq bħala *"la contrattazzione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro."*[7] Ħames elementi iridu jiġu sodisfatti sabiex ir-reat tas-serq ikun jista' jitqies li huwa komplut, u dawn kollha joħorġu bl-iktar mod ċar minn din id-definizzjoni tal-Carrara:

(i) l-att li permezz tiegħu l-persuna timpussessa ruħha mill-oġġett;
(ii) l-oġġett irid ikun jappartjeni lil ħaddiehor;
(iii) il-persuna li tkun qed tikkommetti r-reat trid tkun taf li l-oġġett huwa proprjeta` ta' terzi persuni;
(iv) it-teħid ta' l-oġġett irid isir mingħajr il-kunsens tas-sid;
(v) u fl-aħħar izda mhux l-inqas, l-azzjoni trid tkun akkumpanjata minn intenzjoni li wieħed jagħmel qliegħ.

Il-Kodiċi Kriminali Malti jagħmel distinzjoni bejn serq sempliċi u serq li huwa ikkwalifikat. Fuq l-iskorta ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 261 tal-Kap. 9, is-serq jista' jkun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-persuna, bil-lok, bil-ħin jew bix-xorta tal-ħaġa misruqa. Meta s-serq ma jkunx ikkwalifikat, allura jitqies li huwa serq semplici.[8]

---

[7] Programma Parte Speciale, vol. IV, para 2017. Ikkwotata f' **Pulizija vs Mario Tanti et** deciza fid-9 ta' Dicembru 1944 u **Pulizija vs Carmelo Felice** deciza fl-10 ta' Jannar 1942, it-tnejn sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

[8] Artiklu 284 tal-Kodici Kriminali

Minn eżami tal-provi prodotti irriżulta s-segwenti:

(a) nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 2024 u nhar is-sitta (6) ta' Ġunju 2024 saru żewġ serqiet mill-istabbiliment Greens Supermarket li jinsab fil-kumpless "The Duke" fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex. Fit-tmienja (8) ta' Marzu insterqu tlett fliexken fwieħa għall-valur ta' mitejn u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€ 230.90)[9] filwaqt li fis-sitta (6) ta' Ġunju 2024 insterqu prodotti tal-ikel u alkoħol li kellhom valur ta' tmienja u sebgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€78.70).[10] Il-Manager tal-Greens Gozo Johann Farrugia ikkonferma li l-oġġetti li ittieħdu kienu prodotti li kienu għall-bejgħ mill-istabbiliment Greens u ikkonferma wkoll l-valur tal-imsemmija oġġetti;

(b) mill-filmati esebiti – li minnhom l-espert tekniku Jonathan Mizzi ħareġ l-istills saljenti li juru l-akkadut – jirriżulta bl-aktar mod ċar li fiż-żewġ okkażżjonijiet l-oġġetti in kwisjtoni intefgħu f'basktijiet. Din il-manuvra saret waqt li r-raġel involut kien qiegħed bejn id-diversi xkaffi li hemm fil-ħanut u mhux fil-viċinanzi ta' fejn hemm il-cash points tal-istess stabbiliment. Infatti fl-ewwel każ dak li jirreferi għat-tmienja (8) ta' Marzu 2024, il-fliexken tal-fwieħa intefgħu f'basket iswed li r-raġel involut kien liebes wara dahru. Fit-tieni okkażżjoni l-oġġetti anke bl-għajnuna ta' persuna oħra

[9] Fol. 27 tal-proċess.
[10] Fol. 28 tal-proċess.

intefgħu f'basket ta' lewn aħmar. Fiż-żewġ okkażżjonijiet fil-filmati r-raġel involut jidher għaddej mill-entratura minn fejn jidħlu n-nies u mhux minn fejn hemm il-cash points. Dan kollu jikkonferma kemm ir-raġel involut kien konxju li l-oġġeti ma kinux tiegħu u huwa ma setax jieħu l-istess mingħajr ma jħallas għalihom. Allura huwa ħeba l-affarijiet ġol-basktijiet bl-intiża ċara li huwa jirnexxielu joħroġ mill-ħanut mingħajr ma jħallas tal-istess oġġetti.

Apparti minn hekk kif anke irriżulta mix-xhieda ta' Wasim Tahte, fil-parti fejn hemm il-cash points hemm l-alarms biex jekk persuna tgħaddi b'xi affarijiet mingħajr ma tħallas, l-alarm tibda iddoqq. Ir-raġel involut jidher li kien konxju ta' dan kollu u kien propju għalhekk li huwa m'għaddhiex mill-exit tal-cash points iżda għadda mill-entratura riżervata għad-dħul tan-nies fl-istabbiliment. Fl-ewwel okkażżjoni huwa rnexxielu joħroġ mingħajr ma jattira l-attenzjoni ta' ħadd, bl-impjegati jindunaw bis-serqa aktar tard u jagħmlu rapport dwarha. Iżda fit-tieni okkażżjoni huwa inqabad fil-fatt u inżamm mill-uffiċċjali tas-sigurta hekk kif hu kien ħiereġ mill-ħanut. Fit-tieni okkażżjoni l-istess uffiċjali tas-sigurta u anke l-Pulizija ikkonfermaw kif ir-raġel involut kellu fil-basket oġġetti li mill-filmati li ġew esebiti huwa deher li kien qed joħroġhom minn trolley b'għajnuna ta' persuna oħra u jitfagħhom fil-basket aħmar li kellu. Il-fatt li sar ir-rapport fl-ewwel okkażżjoni u r-raġel anke inżamm milli jitlaq fit-tieni

okkażżjoni meta inqabad jisraq fil-fatt huwa konferma kemm it-teħid tal-oġġetti saru mingħajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tas-sidien tas-supermarket.

(c) l-akkużat kien il-persuna li effettivament seraq dawn l-affarijiet. Huwa ġie identifikat mill-uffiċjali tas-sigurta tal-istabbiliment li żammewh meta ħakmuh jisraq fil-fatt nhar is-sitta (6) ta' Ġunju 2024. Issir riferenza għax-xhieda ta' Michael George Pace, Bashret Abbas kif wkoll b'mod partikolari għax-xhieda ta' Wasim Tahte li lkoll li jaħdmu bħala uffiċjali tas-sigurta fil-ħanut Greens. Dakinhar tas-sitta (6) ta' Ġunju Pace u Tahte identifikaw lill-akkużat bħala l-persuna li kien seraq mill-istess stabbiliment fit-tmienja (8) ta' Marzu 2024. Filwaqt li Pace mar biex jinforma lill-Pulizija, Tahte segwa lill-akkużat tramite l-cameras tas-sigurta tal-ħanut. Tahte xehed kif waqt li l-akkużat kien għadu fis-supermarket, huwa rah jieħu l-affarijiet minn fuq l-ixkafef, ipoġġiehom fi trolley u imbagħad minn ġo trolley deher jitfagħhom f'basket ta' lewn aħmar. Sussegwentement l-istess akkużat ħareġ bil-basket aħmar mill-parti riżervata għall-entratura u f'dak il-ħin inżamm mill-uffiċjali tas-sigurta tal-ħanut fejn talab lill-akkużat biex jara x'kellu fil-basket l-aħmar. L-akkużat irrifjuta li jiftaħ il-basket u anke ipprova jagħmel resistenza kemm mal-uffiċjali tas-sigurta u anke mal-Pulizija sakemm irnexxielhom jimmanettjawh. Dan kollu jsib konferma fil-filmati esebiti.

Ix-xhieda tal-uffiċjali tas-sigurta flimkien mal-filmati esebiti (liema filmati fl-ebda ħin ma ġiet kontestata l-validita tagħhom) ma jħallu lok għall-ebda dubju li effettivament kien l-akkużat li seraq l-oġġetti in kwistjoni fiż-żewġ okkażżjonijiet u ċioe fit-tmienja (8) ta' Marzu 2024 u fis-sitta (6) ta' Ġunju 2024. Dan kollu ġie konfermat wkoll minn ħadd ħlief l-akkużat inniffsu: meta rinfaċċjat bl-istills li ħareġ l-espert tekniku Jonathan Mizzi mill-filmati tas-sigurta, l-akkużat għaraf lilu inniffsu f'dawk l-istess stills.[11]

Stante li l-valur taż-żewġ oġġetti misruqa fiż-żewġ okkażżjonijiet ma kienx jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) u ma rriżultat l-ebda kwalifika oħra minn dawk kontemplati fil-liġi, is-serq li seħħ jikkwalifika biss bħala serq sempliċi.

Jiġi senjalat li għalkemm fl-ewwel (1) akkuża intqal li l-valur tal-oġġetti misruqa kien jammonta għall-ħamsa u disgħin ewro (€ 95), mill-provi irriżulta li l-valur tal-oġġetti misruqa kien ta' tmienja u sebgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€78.70). Dan pero m'huwa se jbiddel xejn mill-akkuża stante li s-serq xorta se jibqa' jiġi klassifikat bħala serq sempliċi.

[11] Ara xhieda tal-akkużat a fol. 166 tal-proċess.

Id-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha issostni li meta l-akkużat mar jisraq huwa kien taħt l-influwenza tal-alkoħol. Pero kif jistabilixxi l-artikolu 34(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta is-sokor ma jistax jinġab bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali. Għandhom jiġu esklużi wkoll l-applikabbilita tal-eċċezzjonijiet kontemplati fl-artikolu 34(2) tal-Kap. 9. L-abbuż mill-alkoħol ma kienx riżultat ta' xi għemil doluż jew negliġenti ta' persuna oħra; anzi ex admissis l-istess akkużat jistqarr li huwa inniffsu kien xorob qabel ma mar jisraq. Lanqas ma jista' jingħad li l-akkużat kien fi stat ta' ġenn riżultat tal-fatt li huwa ikkonsma l-alkoħol qabel. Minn eżami tal-filmati taż-żewġ okkażżjonijiet huwa ċar li l-akkużat kien jidher pienament luċidu f'dak li kien qiegħed jagħmel. Jidher jiċċekkja d-dintorni ta' fejn kien qiegħed biex jara li ma jkun ġej ħadd qabel ma jitfa' l-affarijiet fil-basktijiet. Kien jaf wkoll eżattament x'kellu jagħmel biex huwa jattwa l-pjan kriminali tiegħu ħalli ma jinqabadx u dan billi joħroġ mill-entratura li jidħlu minnha n-nies. Din id-difiża għalhekk qed tiġi respinta kompletament.

L-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuża għalhekk jirriżultaw u l-akkużat sejjer jinstab ħati tagħhom.

- **<u>It-Tieni (2) Akkuża – Artikolu 334(a) tal-Kap. 9</u>**

B'riferenza għar-reat ippotizzat f'din it-tieni akkuża, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Fenech** deċiża fis-sittax (16) ta' Ottubru 2018[12] spjegat li:

*"Sabiex persuna tinsab ħatja ta' riċettazzjoni hu meħtieġ li jikkonkorru s-segwenti tliet rekwiżiti u cioe':*

*a. il-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor;*

*b. l-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza lleġittima; u*

*c. fil-mument tal-akkwist, l-akkużat kien jaf bil-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni.*

*L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illeċita tal-oġġett suġġett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji".*

Il-Qorti tqis li din l-akkuża ġiet pruvata wkoll fir-rigward tal-oġġetti li insterqu fis-sitta (6) ta' Ġunju 2024. L-akkużat kien il-persuna li seraq l-

[12] Appell Numru 431/2016

istess oġġetti u allura kien konxju pienament tal-provenjenza illeġġittima tal-istess oġġetti. Di piu' dawn l-istess oġġetti instabu fil-pussess tiegħu huwa u ħiereġ mis-supermarket, ġew elevati mill-Pulizija u anke ippreżentati fl-atti ta' dawn il-proċeduri bħala prova.

Għall-fini ta' piena pero din il-Qorti sejra tqis dan ir-reat bħala assorbit fir-reat ta' serq fl-ewwel (1) akkuża u dan bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

- **<u>Ir-Raba (4), il-Ħames (5) u s-Sitt (6) Akkużi – Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap. 9</u>**

F'dawn it-tlett akkużi, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilu permezz ta' tlett (3) digrieti differenti: (a) dak tal-ħamsa (5) ta' Jannar 2021 mogħti b'digriet tal-Maġistrat Dr Yana Micallef Stafrace; (b) dak tat-tmintax (18) ta' Novembru 2021 mogħti b'digriet tal-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Doreen Clarke; (c) dak datat tmintax (18) ta' Lulju 2022 mogħti b'digriet tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana.

Mill-provi prodotti, preċiżament mix-xhieda tal-Assistent Reġistratur Margaret Debattista irriżulta li l-akkużat ingħata l-ħelsien mill-arrest b'rabta ma' tlett kawżi separati. Dawn it-tlett (3) digrieti dwar il-ħelsien mill-arrest li l-istess xhud ippreżentat vera kopja tagħhom għadhom in vigore peress li l-proċeduri relattivi għalihom għandhom pendenti. L-

akkużat inniffsu kemm fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija kif wkoll waqt ix-xhieda tiegħu ikkonferma li huwa għandu kawżi pendenti l-Qorti u li b'rabta ma' dawn il-kawżi huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest. Ikkonferma wkoll li huwa ġia kien instab ħati darbtejn għaliex kiser il-kundizzjoijiet tal-liberta proviżorja.

It-tlett digrieti kienu jistipulaw li l-akkużat kellu jara li ma jagħmilx reat ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest. Bil-fatt li qiegħed jiġi misjub ħati tal-ewwel tlett (3) akkużi li jirreferu għal serq sempliċi u r-riċettazzjoni, ġie li l-akkużat kiser din il-kundizzjoni imposta fuqu li ma jagħmilx reat ieħor ta' natura volontarja. Għaldaqstant ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża jirriżultaw wkoll u l-akkużat sejjer jinstab ħati tagħhom wkoll.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Huwa ċar għal din il-Qorti li l-akkużat ma jridx jitgħallem mill-iżbalji tiegħu. Din ma kinitx l-ewwel darba li huwa xilef difrejh mal-ġustizzja. Skont il-fedina penali tiegħu huwa ġia instab ħati ta' serq f'żewġ okkażżjonijiet preċedenti. Instab ħati wkoll li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-akkużat ipprova juża l-passat tiegħu u d-diffikultajiet u t-trawmi li huwa esperjenza biex b'xi mod jipprova jimminimizza l-effetti tal-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħu. Filwaqt li l-

Qorti tista' tifhem li l-akkużat kellu passat mhux daqstant feliċi minħabba s-sitwazzjoni f'pajjiżu, dan bl-ebda mod ma jintitolah li huwa jagħtiha għall-ħajja ta' kriminalita u jiġi jaqa' u jqum mil-liġijiet u mir-rispett tiegħu lejn nies oħra. Dan ma jistax jitqies li kien l-ewwel żball tal-akkużat; huwa ċar li l-akkużat qabad it-triq tal-kriminalita u sa issa ma jidhirx li jrid joħroġ minn din it-triq li qabad. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhux sejra tmur għal minimu tal-piena li hija tista' timponi fiċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti sejra titratta wkoll mal-akkużat bħala riċediv. Dan għaliex mill-provi preżentati, preċiżament mis-sentenzi esebiti mill-Assistent Reġistratur Margaret Debattista jirriżulta li bis-sejbien ta' ħtija illum l-akkużat ġie li wettaq delitti oħra fi żmien ta' anqas minn ħames snin mill-kundanni preċedenti rigwardanti delitti oħra. Is-sentenzi esebiti kollha jirreferu għall-akkużat odjern u di piu hemm riferenza għalihom fil-fedina penali esebita mill-Uffiċjal Prosekutur fil-bidu ta' dawn il-proċeduri. Infatti l-akkużat kellu kundanna mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 2019 u żewġ kundanni oħra minn din il-Qorti diversament preseduta fl-erbgħa (4) ta' Mejju 2023. Dawn l-aħħar żewġ sentenzi għaddew in ġudikat stante li ma sar l-ebda appell minnhom.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-piena idoneja li għandha tiġi inflitta hija dik ta' priġunerija effettiva. It-terminu tal-piena li sejra tiġi erogata sejra tirrifletti wkoll il-fatt li l-akkużat ma jridx jitgħallem mill-iżbalji tal-passat

u kif wkoll il-fatt li għal darba oħra reġa' injora l-ordnijiet mogħtija lilu mill-Qorti. Dan kollu qed isir anke b'rispett lejn il-vittmi tal-istess reati li ikkommetta l-akkużat. Il-Qorti sejra wkoll tagħti l-opportunita lill-akkużat sabiex waqt li jkun qiegħed jiskonta s-sentenza huwa jimbarka fuq pjan biex jegħleb il-vizzju tax-xorb u tad-droga li huwa jgħid li għandu. Huwa għalhekk wkoll li apparti s-sentenza ta' ħabs effettiv il-Qorti sejra timponi ordni ta' trattament a tenur tal-artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 284, 289, 334(a), 579(1) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat **<u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah **<u>għall-perijodu ta' tmintax (18) -il xahar priġunerija effettivi</u>**. Minn dan it-terminu ta' priġunerija li qiegħed jiġi impost, għandu jitnaqqas iż-żmien li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ li qiegħed jiġi deċiż illum.

In oltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-segwenti ammonti:

- is-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€ 1,500) mill-garanzija personali stabbilita fil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest

imposti b'digriet datat ħamsa (5) ta' Jannar 2021 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Yana Micallef Stafrace;

- is-somma ta' ħames mitt ewro (€ 500) mill-garanzija personali stabbilita fil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti b'digriet datat tmintax (18) ta' Novembru 2021 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Doreen Clarke;

- is-somma ta' ħames mitt ewro (€ 500) mill-garanzija personali stabbilita fil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti b'digriet datat tmintax (18) ta' Lulju 2022 tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) preseduta mill-Maġistrat Dr Brigitte Sultana.

Billi l-Qorti jidhrilha li l-piena hawn erogata hija kommensurata mal-konsegwenzi tal-ksur tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni tar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħati in konnessjoni mal-proċeduri l-oħra li għandhom pendenti, ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li rat l-artikolu 15A tal-Kap. 9, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati sabiex fi żmien tlett xhur minn meta jiskonta s-sentenza ta' ħabs imposta b'din is-sentenza iħallas lil Green Supermarket l-ammont komplessiv ta' mitejn u tmienja u tletin ewro u tlieta u sebgħin

ċenteżmu (€ 238.73)[13] rappreżentanti l-valur tal-affarijiet li huwa seraq u li baqgħu ma inġabrux lura mill-parte civile jew li inkella għalkemm li inġabru ma setgħux jerġgħu jitpoġġew għall-bejgħ peress li kienu prodotti li riedu jinżammu fil-fridge jew friża. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħal li kieku kienet sentenza mogħtija minn Qorti jew Tribunal Ċivili kompetenti.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda wkoll tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ammont ta' tlett mija u tmienja u sebgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€ 378.20) rappreżentanti l-ispejjeż peritali inkorsi[14] f'dawn il-proċeduri u dan fi żmien sitt (6) xhur minn meta huwa jiskonta s-sentenza ta' ħabs li ġiet imposta b'din is-sentenza.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb id-diffikutajiet relatati mal-vizzji tax-xorb u d-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **għal perijodu ta' sentejn** mil-

[13] Ammonti li insterqu kienu: € 230.90 (Dokument KC 6 a fol. 27) + € 78.70 (Dok KC 7 a fol. 28) = € 309.60. Minn dan l-ammont tnaqqsu l-valur tal-affarijiet li inġabru mill-parte civile u li setgħu jerġgħu jitpoġġew għall-bejgħ preċiżament is-segwenti: Schweppes Tonic Water (- € 2.13); Greens Mixed Nuts (- €6.88); Brewdog Seven Day Vodka Raspberry and Lime 700ml (- € 24.53); u Chopin Vodka Copper Blend 40% 70cl (- € 37.33) = **€ 238.73**. Għalkemm kien hemm prodotti oħra li inġabru, dawn kienu prodotti li riedu jinżammu fil-fridge jew friża u allura żgur li ma setgħux jitpoġġew lura għall-bejgħ peress li għamlu ġranet barra. Il-valur ta' dawn l-oġġetti ma ġiex imnaqqas.

[14] Jonathan Mizzi - € 378.20 (Fol. 120 tal-proċess).

lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jagħmel parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur